**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR34/VIII/2022**

**It-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**34.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**34.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**34.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

32.3.1 Ġew approvati l-minuti KLR30/VIII/2022, KLR31/VIII/2022 u KLR32/VIII/2022.

32.3.2 Waqt li kienu qed jiġu approvati l-minuti KLR32/VIII/2022, il-membru Debrincat issuġġerixxa li l-Onorifiċenza 'Ġieħ il-Belt Victoria', tingħata lill-eks kunsillier Victor Camilleri. Debrincat tenna li dan ma jinsabx fi stat ta' saħħa tajjeb u qal li jkun tajjeb li l-Kunsill jirrikonoxxi li Camilleri kien Kunsillier fl-ewwel erba' Kunsilli. Debrincat żied li jkun tajjeb jekk anke eks-Kunsilliera jkunu rikonoxxuti.

32.3.3 Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx li dan il-ġieħ għandu jingħata lil kull eks-membru tal-Kunsill. Azzopardi qal li ma jaqbilx li din tkun prassi li għax kont Kunsillier, tingħata l-ġieħ. Qal ukoll li lanqas jaqbel li l-ġieħ jingħata wkoll għax tkun eks-Sindku. Tenna li 'Ġieħ il-Belt Victoria', jingħata lil min ikun għamel ġieħ lir-Rabat u li ma jkunx għamlu kulħadd.

32.3.4 Waqt id-diskussjoni intwerew veduti differenti fuq is-suġġeriment ta' Debrincat u l-membri qablu li għandu jittieħed vot fuq jekk il-membri jaqblux li - 'Ġieħ il-Belt Victoria' jingħata lill-eks-membri tal-Kunsill u nibdew b'dawk tal-ewwel Kunsill.

32.3.5 Il-vot kien hekk:-

jaqblu – is-Sindku u l-membri Debrincat, Tabone u Hili;

astjenew – il-Viċi Sindku u l-membru Buttigieg.

32.3.6 Il-Viċi Sindku qal li ġieħ ma tagħtihx lilek innifsek u ħafna deċiżjonijiet f'dan il-Kunsill jittieħdu biex ma nidhrux koroh. Sostna li jibqa ma jaqbilx li tkun prassi.

Daħlet il-membru Portelli.

**34.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

34.4.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ntbagħatet il-*commencement notice* u ġie ffirmat il-kuntratt ma' Alarmtech Ltd. sabiex titpoġġa *CCTV camera* fi Triq Ġużeppi Spiteri. Il-kuntrattur għandu jibda x-xogħol.

34.4.2 Dwar l-offerta :- *Design and Build of a Solar Powered CCTV System at taċ-Ċawla Housing Estate, Triq taċ-Ċawla and Triq Patri Anton Debono, Victoria, Gozo*, tressaq ir-rapport tal-*Evaluation Board*. Il-membri qablu mar-rapport u l-offerta tingħata lill-Alarmtech Ltd. bil-prezz ta' €12,600.00, VAT eskluża.

34.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li hu u s-Segretarju Eżekuttiv attendew żewġ laqgħat imsejħa mis-Supretendent tal-Pulizija ġewwa l-għassa tar-Rabat. L-aġenda kienet is-sitwazzjoni ta' l-imwejjed u s-siġġijiet fi Pjazza San Ġorġ. Fl-ewwel laqgħa li kienet it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2022 kien hemm preżenti wkoll rappreżentanti mill-MTA f'Għawdex u rappreżentanti mill-Awtorita' tal-Artijiet f'Malta u kif ukoll l-Arċipriet u rappreżentant mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. Għat-tieni laqgħa li kienet illum, it-Tnejn 31 ta Mejju, 2022 attendew rappreżentanti mill-MTA f'Għawdex u rappreżentanti mill-Awtorita' tal-Artijiet f'Malta fejn ukoll kien preżenti s-CEO. Waqt dawn il-laqgħat fost affarijiet oħra relatati ma Pjazza San Ġorġ, ġie diskuss kif inhi l-proċedura li ssir f'Malta sabiex jiġu żgumbrati l-imwejjed u s-siġġijiet meta jkun hemm attivitajiet. Din l-istess sistema ser tiġi addottata fir-Rabat. Minn dawn il-laqgħat ħareġ ukoll li f'Għawdex m'hawnx *enforcement unit* minn naħa tal-Awtorita' tal-Artjijiet.

34.4.4 Relatat ma 34.4.3, il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Avukat Georgine Grech li kitbet għan-nom ta' residenti fi Pjazza San Ġorġ fejn esprimew l-inkwiet tagħhom jekk f'każ t'emerġenza jkollhom bżonn ambulanza f'din l-istess pjazza. Dan peress li ma hemmx aċċess minħabba li taħt ir-residenza tagħhom hemm ristorant li quddiemu mlieħ bl-imwejjed, siġġijiet w umbrellel bħal kif għamlu wkoll ir-ristoranti l-oħra ta' Pjazza San Ġorġ.

Il-membri qablu li l-Kunsill iqabbad lill-Avukat Joshua Grech sabiex jirrispondi din il-korrispondenza. Ta'min jinnota li l-infurzar ma jaqax f'idejn il-Kunsill.

34.4.5 Is-Sindku ressaq proposta sabiex l-isem tat-Triq Anton Tabone jiġi miżjud bil-kliem 'l-Ewwel President tal-Kunsill Ċiviku'. Il-membri qablu li dan is-suġġeriment jitgħadda lill-Kumitat għall-Ismijet tat-Toroq t'Għawdex.

**34.5 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

34.5.1 Il-membri qablu li jerġa jsir tentattiv sabiex il-ġemellaġġ ta' Nichelino jingħata l-ħajja. Għandha tintbagħat korrispondneza minn naħħa tal-Kunsill lill-Comune di Nichelino.

**34.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

34.6.1 id-Divizjoni għal Gvern Lokali - Ċirlulari Numru SPI/SCI/5/2022 rigward finanzjament għal xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex;

34.6.2 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward n-*National Supporting Business Awards 2022*;

34.6.3 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward Ċirkulari numru 5/2022 fejn ġew mniżżla kjarifiċi dwar il-Ftehim Kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi li ġie ffirmat fit-18 ta' Frar 2022 u li dan irid jiġi addottat mill-Kunsilli Lokali;

34.6.4 l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn il-membri ġew mgħarrfa li l-proġett pilota għall-ġbir tal-iskart organiku minn stabbilimenti tal-ikel f'żoni turistiċi matul tmiem il-ġimgħa ser ikun qed jibda nhar is-7 ta' Mejju 2022;

34.6.5 l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn ġie suġġerit li fl-eventwalita' li l-Kunsill joħroġ sejħa relatata mal-iskart, is-sejħa tkun tirrikjedi vetturi ta' ċerta livell bħall-vetturi Euro 6. Il-Kunsill għandu jara l-*logbook* oriġinali li jkun jaqbel mal-fotokopji li jkun ntefgħu mal-offerta;

34.6.6 l-ICT Officer tar-Reġjun Għawdex fejn għarraf lill-Kunsill bis-servizzi li joffri;

34.6.7 ir-Reġjun Għawdex fejn talbu li jinħatar l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Il-membri qablu li jinħatar Tristan Azzopardi;

34.6.8 l-Awtorita' tal-Ippjanar li bgħatet iċ-ċirkulari fejn avżat lill-Kunsilli bit-toroq f'żoni turistiċi li fihom ma jistax isir skavar u demolizzjoni mill-15 t' Ġunju sat-30 ta' Settembru 2022;

34.6.9 il-Qorti t'Għawdex rigward Mandat ta' Sekwestru li l-Kunsilli Għawdxin irċevew mingħand il-Qorti t'Għawdex li ġie rikjest minn Gatt Enterprises Ltd. fil-konfront ta' Road Construction Co. Ltd. Il-Qorti ħarġet il-kontromandat ta' dan is-sekwestru. Il-membri qablu li issa jistgħu jerġgħu jibdew isiru l-pagamenti lil Road Construction Co. Ltd. rigward il-*Public Private Partnership* li jkopri t-tarmak fit-toroq Wied Seqer u Sagħtar;

34.6.10 l-ERA rigward *recycling points*. Il-Kunsill ġie mgħarraf li jrid ikollu 3 siti b'kollox. Il-membri qablu li jekk tkun vijabbli ssir *recycling point* fil-parkeġġ iż-żgħir fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex.

34.6.11 l-Head of Unit Wifi4Eu fejn għarraf lill-Kunsill li dan il-proġett irid ikun lest sal-21 ta' Lulju 2022;

34.6.12 l-ICT Officer fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ser tiġi nstallata *live camera* fuq il-Banca Giuratale li tkun turi Pjazza Indipendenza. Intalab l-użu tal-elettriku u l-wifi eżistenti tal-Kunsill. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

34.6.13 is-*Science Centre* fejn ġie propost li minn Ottubru 2022 sa Mejju 2023 jerġa jiġi organiżżat il-Junior Science Club, din id-darba b'żewġ klassijiet, klassi għal tfal ta' bejn 7 u l-11 'il sena u klassi għall-tfal iżgħar, dan ta' l-aħħar hu proġett pilota. Il-membri qablu li jiġu organiżżati dawn il-korsijiet;

34.6.14 Ian u Penny Foster rigward l-arkata li hemm fl-isqaq fejn joqgħodu fi Triq Librerija. Talbu permess sabiex din ikaħħluha għas-spejjes tagħhom. Il-Kunsill ma jistax joħroġ permessi fuq propjetajiet tal-privat.

**34.7 '*New Energy eficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo'.* LCF/16/2020 – *update***

34.7.1 Is-Sindku qal li dehru *press releases* fuq il-gażżetti lokali fir-rigward ta' dan il-proġett u qed jitħejjew id-dokumenti finali sabiex jiġu sottomessi lid-*Development Planning Fund* fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jinġabbru l-fondi li ser jiffinanzjaw dan il-proġett.

34.7.2 Il-membru Buttigieg ġibed l-attenzjoni li fir-rigward tal-erba'fanali li tpoġġew mal-bibien tal-ġnub tal-knisja ta' San Ġorġ hu ta spjega ċara tal-fatti u dan imniżżel fil-minuti KLR 32/VIII/2022. Żied jgħid li wara din il-laqgħa kien hemm membri tal-Kunsill li ċemplu lis-Sindku jilmentaw fuq dak li ġara. Buttigieg tenna li dawn il-membri jekk kien hemm xi affarijiet li ma qablux magħhom kellhom jgħidulu f'wiċċu dak li ma qablux miegħu u jitkellmu waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Qal li qatt m' abbuża mix-xogħol tal-Kunsill u dawn il-fanali ma twaħħlux fid-dar tiegħu jew ġo xi propjeta' privata. Tenna li meta kellu xi diżgwid kemm mal-membru Portelli rigward *un/loading bay* u kemm ma l-eks Sindku Samuel Azzopardi fir-rigward tal-bankijiet li nżebgħu quddiem l-iskola tal-Vajrinġa, dejjem tkellem ċar u tond waqt laqgħa tal-Kunsill u qatt ma ddejjaq jaffaċċjhom. Buttigieg qal li ammetta li sar żball minn naħa tiegħu li bi żvista, u peress li kien ġimgħa qabel l-elezzjoni, hu m'avżax lill-Kunsill li dawn il-fanali kienu ser jeħlu mal-bibien tal-ġnub tal-knisja ta' San Ġorġ. Buttigieg qal li jekk ma hemmx qbil mal-post fejn tpoġġew , jittieħed vot biex jinqalgħu.

34.7.3 Is-Sindku qal li l-mistoqsijiet li tqajmu mill-membri kienu jekk dawn setgħux tpoġġew f'post ieħor peress li l-fanali li kien hemm mal-bibien tal-Knisja ma kienux ilhom snin kbar li nbiddlu. Tenna wkoll li l-ewwel erba' fanali li hemm fi Triq Santa Marija kienu twaħħlu mill-Kunsill preċedenti permezz tal-proġett ERDF u dawn kienu mgħedudin ma' dan il-proġett u għalhekk kien hemm dawn l-erba' żejda.

34.7.4 Il-Viċi Sindku u l-membru Portelli qalu li ma kienux preżenti fil-laqgħa KLR 32/VIII/2022.

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-kamra.

**34.8 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update***

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta għal talba li saret lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali sabiex tkun tista' tinħareġ *direct order* biex isir dan ir-restawr. Dan kif maqbul fil-laqgħa KLR 30/VIII/2022.

**34.9 Għeluq tas-sena Finanzjarja - 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li minn naħa tal-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddew id-dokumenti kollha lill-Awdituri u dawn għadhom qed ilestu d-dokument tal-egħluq tas-sena finanzjarja 2021. Il-*Monitoring Unit* fi ħdan id-Diviżjoni għal Gvern Lokali ġie mgħarraf b'dan.

## 34.10 Immaniġjar tat-Traffiku

Transport Malta (TM) approvat:-

34.10.1 *double yellow lines* ma 65, 'Doris', Triq San Ġużepp Labre';

34.10.2 it-tneħħija ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' fi Triq Ġorġ Borg Olivier peress li l-ħanut fejn kienet m'għadux klinika;

34.10.3 it-tneħħija ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Blk G, taċ-Ċawla H.E. peress li l-persuna li kienet applikat għalih ġiet nieqsa;

34.10.4 *double yellow lines* ma garaxx ta' 64, Triq Santa Dminka;

34.10.5 *bollard*s madwar il-knisja ta' San Ġorġ.

<u>Korrispondenza relatata mat-traffiku</u>

34.10.6 Tressqet talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Giorgia Gauci ta' 52, Triq taħt Putirjal. Għandha timtela l-formola rikjesta.

34.10.7 Tressqet talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Drissia El Bazza ta' Blk HB, Falt 2, Taċ-Ċawla H.E. Għandha timtela l-formola rikjesta.

34.10.8 Tressqet emejl ta' TM rigward tneħħija ta' tabella minn ma 40, Triq Librerija. TM għarrfet lill-Kunsill li t-talba biex isiru *double yellow lines* ma' din id-dar saret mill-Kunsill fl-2019. Dawn is-sinjali saru wara li ġew approvati minn TM. Filfatt t-talba ma kienx hemm bżonn li ssir peress li l-*area* kienet diġa' *no parking area* u hemm it-tabelli li jindikaw dan. Kien hemm ukoll talba għall-*communal disabled parking bay* ma ġietx approvata minħabba li l-*area* hi *no parking area*. Għaldaqstant ebda' parkeġġ ma hu legalment li jsir. TM ma ssibx oġġezzjoni li jitneħħa d-*double yellow line* ta' quddiem 40, Triq Librerija, pero' ma tistax tapprova li tinbidel it-tabella. Biex titneħħa t-tabella l-Kunsill irid jiddeċiedi li jneħħi t-tabellli l-oħra kollha tan-*no parking*. Billi l-*area* hi pedonali ħlief għall-aċċess tal-garaxxijiet, il-membri qablu li din tibqa kif inhi.

34.10.9 Tressqet pjanta tal-Perit fir-rigward tal-parkeġġi u *road markings* ta' Triq it-23 t'April. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex isiru dawn il-parkeġġi mmarkati.

34.10.10 Tressqet emejl ta' resident fejn kiteb rigward il-periklu u inċidenti li qed jiġu kkawżati minn velocita' eċċessiva mill-vetturi li jgħaddu minn Triq Pompei. Issuġġerixxa li jsiru *road humps* jew *speed cameras*. Il-membri qablu li TM għandha tiġi mgħarrfa b'dan.

34.10.11 TM għarrfet lill-Kunsill li f'arterji u toroq distributorji l-*policy* għadha li ma jistgħux isiru *road humps*, għaldaqstant fi Triq Viani ma tistax issir *road hump* peress li hi arterja.

34.10.12 Rigward it-talba biex toroq fir-Rabat ikollhom il-parkeġġ bil-ħin ikkontrollat bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa bejn it-08:00 u s-13:00, TM irrispondiet li dawn huma mwaqqfin.

34.10.13 Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex il-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' u l-*un/loading bay* li hemm fi Triq Santa Dminka jiġu maqluba. Dan biex ikun hemm iktar wisa' għall-*un/loading* peress li mġenb l-*un/laoding bay* bħalissa hemm garaxx.

## 34.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Mejju u Ġunju 2022 skond dokumenti Au B annessi.

## 34.12 Xogħlijiet oħra

34.12.1 Tressaq ir-rapport relatat mall-proġett *"Identity of an Island", SFLS/RFQ/09/2022 - Call for Quotations for the supply and delivery of event audience chairs.* Il-membri qablu li tintgħazel l-istima ta' G.F.S. Ltd. bil-prezz ta' €975.00 peress li hi l-orħos waħda.

Il-membri qablu li:-

34.12.3 Sunrise Pet and Garden Centre jiżbru l-Oleander li hemm fi Triq San Ġwann Bosco. Dan iż-żbir m'għandux bżonn permess tal-ERA;

34.12.4 Xerri's Garden Centre jiżbru l-palma ta' Triq Palma wara li tispiċċa l-iskola;

34.12.5 billi l-*baby swing* li kienet fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal inkissret, għandha tinxtara waħda ġdida għall-prezz ta' €236.00;

34.12.6 l-Kunsill jorganiżża kunċert ta' mużika sagra fil-Katidral nhar l-Erbgħa 10 t'Awwissu 2022. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' €500 fi spejjes;

34.12.7 tiżdied *epos machine* oħra fl-uffiċċju tal-*customer care* tal-Kunsill sabiex tintuża għall-pagamenti fir-rigward tas-sistema ġdida tal-permessi li jinħarġu mill-Kunsilli Lokali u li ġiet implimentata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fl-1 ta' Mejju 2022. B'hekk jinqata wkoll l-użu ta' flus kontanti mill-uffiċċju;

34.12.8 jinxtraw 10 kopji tal-ktieb tat-tieni edizzjoni ta' ġabra ta' poeżiji tal-Kav. Joe M Attard;

## 34.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7:00 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ħamis, 7 ta' Lulju, 2022.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |